MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Numru 983/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonello)**

**Versus**

**Jonathan Calleja.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Jonathan Calleja ta' 23 sena bin Carmel u Ġemma nee Galea mwieled il-Pieta' fit-28 t'April, 1982 u joqgħod Flat T Gold Metal Court Triq il-Ħġejjeġ San Pawl il-Baħar u li għandu l-karta tal-identita' bin-numru 0249582 (M)

(a) Akkużat talli fit-30 t'Ottubru 2005 għall-ħabta tal-11.00 pm ġewwa l-Isptar San Luqa, Pieta' attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx

vjolenza pubblika kontra xi nurses fid-dipartiment tal-casualty, persuni inkarigati minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jaġixxu għall-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;

(b) talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi ħebb u hedded lill-imsemmija nurses;

(ċ) talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi kiser il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;

(d) talli fl-istess żmien, ħin , lok u ċirkostanzi qal kliem oxen u dagħa fil-pubbliku;

(e) talli fl-istess żmien, ħin, lok u ċirkostanzi għamel ħsara f'xi apparat li hemm fid-dipartiment tal-casualty, liema ħsara hija iżjed minn ħamsin lira Maltija (Lm50) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

(f) talli huwa reċidiv b'sentenzi mogħtija fit-23 ta' Mejju, 2001, 3 ta' Settembru, 2002 u 9 ta' Novembru 2004.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid tal-imputat li jġib in-numru 2495 tal-1982, il-fedina penali tal-imputat, il-current incident report (fol.28), il-kopji tas-sentenzi esibiti a fol 57 , 60 u 63, ir-ritratti tal-ħsarat a fol 74, id-

dokumenti li juru l-ammont tal-ħsarat a fol.46, l-artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali (ara fol.75 A) u l-ammissijoni tal-imputat għat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjonijiet biss (fol.78) u kemm in-nota ta' refernzi magħmula mid-difiża u ppreżentata fil-5 ta' Settembru 2008 dwar ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kap 9 kif ukoll is-sottomissjoni tagħha dwar ir-reċidiva.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Rat li l-Avukat Ġenerali bagħat l-artikoli: 95, 96, 325(a), 339(b), 338(dd), 49, 50, 31, 20, 23, 383, u 533 tal-Kap 9.

5. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

**Ikkonsidrat**

6. Stante li l-imputat fis-seduta tat-22 ta' Mejju, 2008 irreġistrat ammissjoni dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni, u kkonferma din l-ammissjoni wara li ngħata ħin xieraq biex jaħsibha, jsegwi li dawn l-imputazzjonijiet huma ppruvati skond il-Liġi. Għaldaqstant il-Qorti qed issibu ħati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

7. Dwar l-imputazzjoni sitta – jiġifieri dik dwar ir-reċidiva – il-Qorti eżaminat is-sentenzi ppreżentati u qed tqis korretta s-sottomissjoni tad-difiża li dawn ma jistgħux jitqiesu għar-reċidiva għax kollha ngħataw skond il-Kap 446 li jeskludi r-reċidiva. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mis-sitt imputazzjoni.

8. Il-Qorti eżaminat id-diċitura tal-ewwel imputazzjoni. Il-kliem li użat il-Prosekuzzjoni huwa dak tal-artikolu 96 tal-Kap 9.

9. Id-difiża rreferiet għal dawn it-tliet każi: 'Il-Pulizija versus Joseph Brincat' (5 ta' Lulju, 1982), 'Il-Pulizija versus Lawrence Attard' (12 ta' Settembru 1996), u 'Il-Pulizija versus Joseph Zahra' (9 ta' Diċembru 2002). Dawn huma kollha sentenzi tal- Qorti tal-Appell Kriminali. Dawn jgħidu li biex ikun hemm ir-reat taħt l-artikolu 96 tal-Kap 9 irid ikun hemm mhux biss attack jew reżistenza kontra persuna inkarigata skond il-Liġi minn servizz pubbliku, iżda wkoll li dan l-attakk jew reżistenza jsir b'ħebb jew bi vjolenza u jsir waqt li dik il-persuna tkun taġixxi għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skond il-Liġi minn awtorita' kompetenti.

10. Il-Qorti eżaminat ix-xhieda mogħtija min-nurses dwar l-aġir tal-imputat. Dawn iddeskrivew x'għamel lill-monitor u li sabbat l-istrument li jimmarkja l-pressjoni. Iżda mill-

provi prodotti ma jidhirx li kien hemm xi vjolenza fuq in-nurses jew li ħebb għalihom. L-imġiba tal-imputat lejn l-istaff ma kenitx waħda aċċettabbli u kienet nieqsa mill-kortesija li wieħed għandu juri lejn l-istaff tal-Isptar. B'danakollu l-Qorti ma tistax tgħid li mill-provi jeżistu l-estremi li jitlob l-artikolu 96 tal-Kap. Konsegwentement il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

11. L-Avukat Ġenerali ta l-artikolu 95 tal-Kap 9 fil-lista li bagħat fl-1 ta' Frar 2006.
Madanakollu, id-diċitura ta' dan l-artikolu mkien ma jidher fiċ-ċitazzjoni u qatt ma saret talba sabiex tiżdied din l-imputazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tikkonsidra jekk l-imputat kisirx dan l-artikolu.

Konklużjoni

12. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 95, 96, 325(a), 339(b), 338(dd), 338(bb), 49, 50, 31, 20, 23, 383, u 533 tal-Kap 9, qed issib lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni u qed tilliberah mill-ewwel u mis-sitt imputazzjoni.

13. Dwar il-piena l-Qorti kkonsidrat dawn il-fatturi:

(i) li għalkemm mhux fi stadju bikri ammetta erba' mill-imputazzjonijiet inkluża l-aktar waħda serja (il-ħames imputazzjoni);

(ii) Min-naħa l-oħra jirriżulta mill-atti li l-imputat għamel ħsara konsiderevoli nvolviet lill-Gvern fi spiża ta' Lm1246.59 (€2904.55).

14. Ma kien hemm xejn x'jiġġustifika din il-ħsara u għalhekk, wara li l-Qorti rat l-artikoli kollha diġa' msemmija, fosthom l-artikolu 325(1)(a) tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għal 18-il xahar priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin mil-lum.

15. Barra dan, il-Qorti qed tapplika l-artikolu 28H tal-Kap 9 u qed tordna lill-imputat iħallas s-somma dovuta tal-ħsara hawn fuq indikata lid-Dipartiment tas-Saħħa fi żmien sitt xhur mil-lum.

16. Il-Qorti qed twissi lill-imputat dwar il-konsegwenzi serji jekk huwa jwettaq xi reat matul dawn it-tliet snin li ġejjin.

17. Barra minn dan qed twissih ukoll li jekk jonqos li jħallas tal-ħsara fiż-żmien mogħti mill-Qorti, din is-sentenza tista' tiġi fis-seħħ.

**18. Kopja ta' din is-sentenza għandha tintbagħat lid-Direttur tas-Servizzi tas-Saħħa, id-Dipartiment tas-Saħħa, Valletta li jibqagħlu kull dritt li jfittex għal aktar Danni jekk jirriżultaw li dawn huma akbar mis-somma indikata fil-paragrafu 13.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------